# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Numru 998/2015 SM**

**Fl-atti tar-rikors guramentat**
**numru 774/2015**
**fl-ismijiet:**

**Muovilami OY ta' Yrittaajantie 5,**
**fl-63700, Ahtari, Il-Finlandja, kif**
**debitament awtorizata u rraprezentata**
**mill-mandatarja specjali taghha l-Avukat**
**Dr. Julienne Portelli Demajo**
**(I.D. 245084 M)**

**vs.**

1. **Project Technik Limited**
**(C-48668)**

**2. C & F Building Contractors Limited**
**(C-15308)**

**U wara l-mandat ta' sekwestru numru 1606/15**
**fl-istess ismijiet milqugh fit-12 t'Ottubru 2015**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors guramentat promotur tas-socjetajiet rikorrenti datat il-21 t'Ottubru, 2015;

2.0. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-22 t'Ottubru, 2015, (ara foll 6 u 7), li permezz tieghu, wara li rat l-artiklu 734 (1)(g) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

2.1. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;

2.2. Baghtet l-atti lir-Registratur biex il-kawza tigi assenjata lill-qorti diversament preseduta;

3. Rat l-ordni t'assenjazzjoni *ai termini* tal-artiklu 11 tal-Kap 12 fuq indikat datat it-30 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil din l-istess qorti kif issa preseduta, (ara foll 8);

4. Rat ir-risposta tal-mandatarja specjali *nomine* intimata datata t-18 ta' Novembru, 2015;

5. Rat id-dokumenti esebiti;

6. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat is-socjetatjiet rikorrenti sintetikament elenkaw is-segwenti pretensjonijiet:

7.1. Illi qed jitolbu l-hrug ta' kontro-mandat ghall-mandat ta' sekwestru numru 1606/2015 datat it-12 t'Ottubru, 2015;

7.2. Illi l-imsemmi sekwestru inhareg wara li l-kontendenti kienu kkonkludew kuntratt ta' provvista u konsenja, u dan, biex l-intimata odjerna tikkawtela l-posizzjoni taghha ghal danni allegatament sofferti minnha *stante* allegat ksur ta' kundizzjonijiet kuntrattwali vigenti bejn il-kontendenti;

7.3. Illi jsostnu li l-ammont sekwestrat permezz tal-istess hu wiehed fittizju;

7.4. Illi ghalhekk l-istess mandat hekk ottenut hu wiehed vessatorju u vendikattiv, (ara foll 5);

7.5. Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom bizzejjed assi li abbundantement jissuperaw l-ammont kawtelat;

7.6. Illi *di piu`*, peress li l-istess socjetajiet rikorrenti jimpjegaw diversi persuni, il-mandat in dizamina jista` jippregudika l-impjieg ta' l-istess persuni;

7.7. Illi konsegwentement, *ai termini* ta' l-artiklu 838 (A) tal-Kap 12 fuq riferit, jitolbu lis-sekwestranti tinghata zmien biex tinghata garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali li tista` tigi mposta, flimkien ma danni u mghax;

7.8. Illi jitlobu wkoll li l-intimata *nomine* odjerna tigi kkundannata thallas penali kif kontemplat fl-artiklu 836 (8) tal-fuq imsemmi Kap 12;

7.9. Illi ghalhekk jitlobu wkoll li l-istess mandat in dizamina jigi revokat;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-intimata *nomine* sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

8.1. Illi l-mandat ta' sekwestru in dizamina intalab biex is-socjeta` estera minnha rapprezentata tikkawtela l-posizzjoni taghha rigwardanti danni minnha sofferti minhabba li s-socjetajiet rikorrenti odjerni kissru l-kuntratt ta' provvista u konsenja pattwit bejniethom;

8.2. Illi ghalhekk l-agir tal-istess intimata *nomine* bl-ebda mod ma sar b'qerq, vessatorjeta` u vendikazzjoni;

8.3. Illi in effetti, jekk tezisti *mala fede* din hi min-naha tas-socjetajiet rikorrenti odjerni billi manifestament kissru l-kuntratt pattwit bejniethom;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi konstatat sintetikament is-suespost, jinghad is-segwenti:

9.1. Illi l-procedura odjerna hi bbazata fuq l-artiklu 836 tal-imsemmi Kap 12;

9.2. Illi f'dan ir-rigward jigi immedjatament sottolineat li qorti m'ghandiex tidhol fil-fond fl-analizi tal-vertenza *stante* li l-procedura in dizamina hi wahda ta' natura sommarja;

9.3. Illi ghalhekk, kif anke irriteniet il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fil-kawza fl-ismijiet ***Camilleri vs. Gove` et*** deciza fl-***10 ta' Mejju, 2001,*** l-ezami kondott ghandu biss ikun dak ta' livell tal-*prima facie* u xejn aktar;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi fit-termini ta' l-artiklu 836 ta' l-imsemmi Kap 12, mandat ta' sekwestru jista` jigi revokat biss fis-segwenti cirkostanzi:

10.1. Meta wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-istess mandat kawtelatorju ma tkunx ghadha tezisti, (ara artiklu 836 (1)(b) tal-istess Kap fuq indikat);

10.2. Meta jkun hemm garanzija xierqa biex tissodisfa l-pretensjoni vantata, (ara artiklu 836 (1)(c) tal-istess Kap);

10.3. Meta l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat, (ara foll 836 (1)(d) tal-istess Kap);

Ikkunsidrat:

11. Illi s-socjetajiet rikorrenti odjerni qeghdin jilmentaw li l-ammont ta' mitejn elf Ewro, (€200,000.00), sekwestrat mis-socjeta` estera rapprezentata mill-mandatarju specjali intimata odjerna hu ammont arbitrarju, fittizju u ezagerat;

12. Illi in effetti l-istess socjetajiet rikorrenti odjerni jistmaw li t-telf soffert mis-socjeta` intimata odjerna hu ferm anqas minn dak rikjamat;

13. Illi ghandu jkun pacifiku li analizi tal-ammont ta' telf u danni sofferti mill-intimata *nomine* odjerna hi kwistjoni li ghandha tigi determinata fil-kawza fuq il-mertu tal-vertenza istitwita bejn il-kontendenti;

14. Illi ghalhekk l-ammont ta' danni indikat mis-socjeta` intimat odjerna ghadu f'dan l-istadju ammont legittimu *stante* li hu wiehed li hu konkretament estimatorju;

15. Illi ghalhekk f'dan il-livell, il-mandat ta' sekwestru kif ippostulat jirrizulta *prima facie* gustifikat;

16. Illi f'dan is-sens biex l-ammont sekwestrat f'mandat kawtelatorju jitqies bhala wiehed eccessiv min qed jallega tali tezi ghandu l-oneru li juri li bejn il-jedd pretiz u c-cirkostanzi tal-kaz ma tezisti l-ebda rabta bejniethom, (ara ***Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 166/2015 fl-ismijiet North Services Limtied vs. Meir Assouline***);

17. Illi ghalhekk, tenut kont tas-suespost, l-ammont sekwestrat ma jirrizultax li hu wiehed eccessiv tenut kont l-entita` kontrattwali involuta;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-rigward ta' l-artiklu 836 (1)(f) tal-istess Kap jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi l-mandat *de quo* jista` jigi revokat kemm il-darba ma jkunx wiehed ragonevoli, mehtieg, jew b'xi mod gustifikabbli;

18.2. Illi tali analizi hu mehtieg mid-data tal-hrug tal-mandat in dizamina u sa kemm jibqa` jissussisti l-istess mandat;

18.3. Illi tenut kont tal-fatti rizultanti kif fuq sintetikament esposti, ma jirrizultax li kien hemm bidla fic-cirkostanzi mill-*incipit* tal-mandat *de quo* sallum;

18.4. Illi konsegwentement din it-talba partikolari tas-socjetajiet rikorrenti ma tistax tigi suffragata;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi rigward il-penali u l-garanzija sussegwenti mitluba mis-socjetajiet rikorrenti odjerni jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi l-istess socjetajiet ma ressqu l-ebda prova jew sottomissjoni fir-rigward;

19.2. Illi minflok jirrizulta li s-socjeta` sekwestranti agixxiet a bazi tad-drittijiet kontrattwali naxxenti favur taghha;

19.3. Illi *prima facie* ma jirrizultax li agixxiet b'malizzja, bi frivolozita`, jew b'vessatorjeta` kif allegat;

19.4. Illi biex tali talba tkun tista` tintlahaq b'serenita` il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju *de quo* irid ikun ibbazat fuq cirkostanzi manifestament privi:

> ".... qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il-giudizio promosso si dimostri vessatorio", (ara ***Mugliette vs. Bezzina: XXVI. I. 405***);

19.5. Illi fil-procedura in dizamina dan il-livell ta' vessatorjeta` ma jirrizultax;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetatjiet rikorrenti odjerni ma pprovawx it-talbiet taghhom fil-livell ta' *prima facie* kif rikjest mill-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Takkolji r-risposta tal-intimata *nomine*;

20.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjetajiet rikorrenti;

20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess socjetajiet rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**